MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tad-9 ta' Mejju, 2012

Numru. 894/2006

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR IAN ABDILLA**

**KONTRA**

**JOSEPH MARY PORTELLI ta' 50 sena, iben Edward u Ivonne nee' Fenech, imwieled il-Hamrun nhar is-6 ta' Awwissu, 1961, residenti fil-fond Triliton Court, Flat 1, Triq il-Kurazza, Qawra, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 536861M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Joseph Mary Portelli** li gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, matul dawn l-ahhar snin, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi, u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. Minghajr licenzja moghtija mill-awtorita' kompetenti, ghamel kummerc ta' istituzzjoni finanzjarja f'Malta jew barra minn Malta, minghajr licenzja mill-Awtorita' kompetenti, u cioe' sarraf cekkijiet lil diversi persuni u ha kummissjoni ghal tali servizz minghand dawn l-istess persuni, u dan bi ksur tal-Artikolu 3 ta' l-Att dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji, Att Numru XXII ta' l-1994;

2. U aktar talli b'hekk sar recidiv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fis-16 ta' Dicembru, 2003; u nhar l-14 ta' Lulju, 2005.

Rat li ma' l-interrogatorju l-imputat wiegeb illi kien hati ta' l-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

Rat ukoll il-kunsens ta' l-Avukat Generali ghal procediment kriminali taht il-Kapitolu 376 tal-Ligijiet ta' Malta (Artikolu (5) )

In vista' ta' l-ammissjoni, rat ukoll l-Artikolu 3 tal-Kapitolu msemmi;
Rat ukoll l-Artikolu 22(4) tal-Kapitolu 376 tal-Ligijiet ta' Malta; kif ukoll l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u qieghda tikkundanna lill-imputat ghal multa ta' €2,300 pagabbli fi zmien 6 xhur, u dan wara li rat l-Artikolu 14 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------